**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 54/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carmel Agius**

Illum, 28 ta' Lulju 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Carmel Agius, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 95567M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-gżejjer u/jew ġewwa il-Kulleġġ San Benedittu, Ħal Kirkop, f'xi ħin bejn 08:00hrs u 15:00hrs nhar id-9 ta' Marzu 2018:

1. B'għemil żieni kkorrompa persuna ta' taħt l-eta' u ċioe ta' Omissis ID 140100A, liema reat sar minn persuna li ilha mqar għal xi żmien tkun ġiet fdata l-minuri sabiex jieħu ħsiebha, jedukaha, jgħallimha, jindukraha jew iżommha.
2. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi, ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq persuna taħt l-eta' ċioe Omissis.
3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, għamel reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Frar 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 141, 203(1) (Qabel ma daħal fis-

seħħ l-Att XIII tal-2018), 208B(1)(2)(2A)(2B)(5), 412D, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Carmel Agius ħati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkużi u stante li t-tieni akkuża hija assorbita fl-ewwel akkuża li minnha astjeniet milli tieħu konjizzjoni, ikkundanatu piena ta' priġunerija ta' sentejn. *Inoltre*, u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat għall-ispejjeż peritali naxxenti minn dawn il-proċeduri li jammontaw għal €896.30. *Inoltre*, u a bazi tal-Artikolu 412D Tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat tpoġġa taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett snin, liema Ordni għandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza. Finalment u a bażi tal-Artikolu 208B(2), l-imputat huwa prevenut milli jezerċita attivitajiet professjonali li jinvolvu kuntatt dirett jew regolari mat-tfal u dan għal zmien ħmistax -il sena u tali Ordni għandha titniżżel fil-fedina penali tiegħu.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fil-21 ta' Frar 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti ma ħaditx konjizzjoni tat-tieni mputazzjoni u tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal-ewwel u tat-tielet akkużi fil-konfront tiegħu u minflok tiddikjarah mhux ħati tal-akkużi dedotti u tilliberah kompletament skond il-Liġi. Alternattivament, u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, l-appellant jitlob lil dina l-Qorti sabiex jogħġobha tħassar dik il-parti tal-piena ta' priġunerija effettiva u minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni aktar ekwa skond iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant iressaq b'kollox erba' aggravji, li jikkonċernaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u għaldaqstant dina l-Qorti ser tikkunsidrahom b'mod kollettiv. Fost l-argumenti tiegħu, l-appellant jiċħad illi huwa kien preżenti fl-

iskola fejn allegatament seħħ ir-reat u dana għaliex fil-ħin meta kien kommess l-allegat abbuż huwa kien jinsab f'post ieħor iżarma eżibizzjoni ta' l-arti li huwa tella' personalment u li kienet armata band'oħra lil hinn mill-iskola. *In oltre*, huwa jattakka, permezz ta' diversi sottomissjonijiet, il-kredibbilita' tal-allegata vittma Omissis fejn jisħaq li din ma kenitx xhud affidabbli u li l-verzjoni mogħtija minnha m'għandix missewwa.

Illi kemm il-darba kien affermat fil-ġurisprudenza u d-dottrina in materja illi f'dan l-istadju ta' reviżjoni il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-qorti tal-ewwel grad jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew fil-kors tal-proċeduri odjerni, sabiex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi dan il-każ ra t-twelid tiegħu nhar is-16 ta' April 2018, meta l-Pulizija Ezekuttiva rċeviet rapport mingħand Daniela Pulo, *Social Worker* fi ħdan iċ-*Child Protection Services*, dwar il-minuri Omissis li kienet allegat illi fil-ħin ta'l-iskola, l-għalliem tal-arti tagħha allegatament qabdilha l-warrani tlett darbiet. Illi l-minuri rrakkontat dak li seħħ dwar dan l-allegat reat biss ma' ommha Omissis u mal-Maġistrat Inkwirenti, illum Imħallef, Doreen Clarke. Jirriżulta li l-ebda uffiċjal fi ħdan iċ-*Child Protection Services* u l-ebda għalliem/a jew is-Surmast tal-Kulleġġ in kwistjoni ma tkellmu mal-minuri dwar l-akkadut. *Inoltre* ma ġie maħtur ebda psikologu tat-tfal sabiex jiddetermina l-effett li l-allegati azzjonijiet tal-appellant fil-konfront tal-minuri setgħu kellhom fuqha. Għalhekk, jekk wieħed jagħsar il-provi kollha prodotti, l-unika prova

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

b'saħħitha li temerġi mill-atti hija propju x-xhieda tal-minuri mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fl-inkjesta dwar l-*in genere*. Il-bqija tal-provi l-oħra jservu biss sabiex jikkorroboraw l-verżjoni mogħtija mill-minuri.

Illi, ukoll, kif kellu kull dritt jagħmel skond il-Liġi, meta interrogat l-appellant ma wieġeb għal ebda doamnda li saritlu marbuta mal-każ, kif ukoll għazel li ma jiddeponiex fil-qorti, u għaldaqstant verzjoni tal-fatti da parti tiegħu dina l-Qorti m'għandiex. Mandanakollu kemm quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll f'dan l-istadju ta' reviżjoni huwa jressaq id-difiża illi kien hemm l-impossibbilita' li huwa jinstab ħati tar-reat lilu addebitat stante illi jinsisti li dakinhar tal-inċident, fil-ħin tal-akkadut, huwa lanqas biss kien qiegħed fil-binja tal-Kulleġġ San Benedittu. Illi huwa evidenti għalhekk, illi għalkemm l-appellant ma xehedx, madanakollu qiegħed jipprospetta xenarju li, fil-fehma tiegħu, huwa imsaħħaħ bil-provi li hemm fl-atti illi ixejjnu il-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-minuri u għalhekk jirrendu id-deposizzjoni tagħha inattendibbli.

Issa f'dawn il-każijiet ta' reati sesswali u kontra il-pudur il-provi imressqa quddiem min hu imsejjaħ biex jiġġudika spiss ikunu jikkonsistu fil-verżjoni tal-fatti tal-atturi prinċipali tal-event kriminuż, u ċioe' il-vittma u l-perpetratur. F'dan il-każ hija biss il-minuri li toffri x-xiehda tagħha, bl-appellant jistrieħ fuq il-provi ċirkostanzjali, mressqa mill-Prosekuzzjoni stess u xi provi oħra in difeża. Illi meta l-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir biżżejjed sabiex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

Illi l-appellant b'mod ewlieni jqis illi l-Ewwel Qorti malament sabitu ħati tar-reati lilu addebitati u dan meta mill-provi kien jemerġi illi fil-ħin indikat mill-minuri fejn allegatament abbuża minnha huwa ma kienx preżenti fl-iskola, u ċioe' fil-jum tad-9 ta' Marzu 2018 f'xi ħin bejn it-8:00a.m. u it-3:00p.m.. Illi mill-provi prodotti jidher illi l-appellant kien qed jieħu sehem, fil-vesti tiegħu privata, f'wirja tal-arti li kienet qed

tittella' bejn it-12 ta' Frar 2018 u d-9 ta' Marzu 2018 ġewwa l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u l-Isport. Skond ix-xhieda ta' Horace Camilleri, Prinċipal ġewwa il-Ministeru[2], fl-ewwel jum tal-wirja l-appellant kellu jieħu ħsieb l-armar ta'l-istess filwaqt li fl-aħħar ġurnata kellu jieħu l-iżbriga li jżarmha. Ix-xhud Camilleri, pero', ma setax jindika l-ħin li fih l-appellant mar iżarma nhar id-9 ta' Marzu 2018, għalkemm indika li dan x'aktarx seħħ matul xi ħin filgħodu, għax hekk kienet il-prassi, iżda mhux għaliex effettivament kien ra lill-appellant jagħmel dan. Dan jirrendi din l-evidenza kemmxejn fjakka billi x-xhud ma kienx fuq il-post matul dan il-jum tad-9 ta' Marzu 2018 u għalhekk ma kienx f''posizzjoni jindika l-ħin meta l-appellant allegatament kien qiegħed ġewwa l-Ministeru jżarma l-oġġetti ta'l-arti. Ma hemm ebda prova għalhekk li tindika għallinqas sal-grad tal-probabbli jekk fil-ħin indikat mill-minuri, meta seħħ l-att inrkiminatorju, l-appellant setax kien jinsab f'post ieħor. Din il-linja difenzjonali għalhekk hija waħda ibbażata fuq suppozizzjoni u mhux fuq xi fatt ippruvat, għallinqas sal-grad minnu mistenni.

Illi, minn naħa l-oħra, mbagħad, mid-dokumenti eżebiti in atti mis-Surmast tal-Iskola Charmaine Pisani Grixti, fir-rigward tar-rassenja tal-attendenza ta'l-għalliema għal jum in kwistjoni, jirrizulta li dakinhar tad-9 ta' Marzu 2018, l-appellant kien iffirma li daħal l-iskola fis-7:55am u iffirma li telaq mill-istess fit-2:55pm. Fl-istess dokument ma hemm imkien indikat li l-appellant għal xi ħin illarga mill-iskola f'dik il-ġurnata u lanqas hemm xi prova oħra illi tindika li huwa ottjena xi permess mis-superjuri tiegħu sabiex jassenti ruħu mill-iskola waqt il-ħin tax-xogħol, u dan fid-dawl tal-fatt illi ix-xogħol li kellu jagħmel ġewwa l-Ministeru ma kienx relatat mad-dmirijiet tiegħu fl-iskola. Charmaine Pisani Grixti xehdet li għalkemm kienet taf li dakinhar tad-9 ta' Marzu 2018 l-appellant kellu jmur iżarma l-wirja tal-arti, ma sabet l-ebda dokumenti fir-*records* tagħha dwar attendenza li filfatt tindika illi huwa ħareġ mill-iskola. Tgħid hekk fix-xiehda tagħha: "**kien talabni biex imur izarma l-*exhibition* biss u kif suppost jiġri f'dan il-kaz jiffirma li ma kienx *on premises***". Dina l-Qorti terġa ttenni li l-unika prova konkreta li hija għandha quddiemha dwar dak li seħħ fid-9 ta' Marzu 2018, li tikkonsisti f'prova dokumentarja, apparti x-xhieda tas-superjur tal-appellant,

[2] Fol.287 et seq. tal-atti

hija li l-appellant kien qiegħed l-iskola matul il-ġurnata kollha. L-appellant ma jressaq ebda prova oħra li tista' b'xi mod tiskossa din il-prova inkonfutabbli, iktar u iktar meta x-xhud li huwa jressaq in difeża, u ċioe' Horace Camilleri, ma kienx preżenti fil-post fejn l-appellant jikkontendi illi kien jinstab fil-ħin meta allegatament seħħ l-att inkriminatorju, u li ma kienx f'posizzjoni igħid jekk effetivament kienx ra lill-appellant hemmhekk u il-ħin meta huwa allegatament mar iżarma l-eżebizzjoni tiegħu tal-arti.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jisħaq ukoll illi l-allegata vittma ma qalitx is-sewwa meta stqarret li kellha "*free lesson*" f'dik l-għodwa meta huwa seta' kkometta l-allegat abbuż, u dana għaliex is-Surmast Charmaine Pisani Grixti xehdet li l-istess minuri ma kellha l-ebda "*free lesson*" dakinhar tad-9 ta' Marzu 2018. Minn eżami akkurat tal-Atti Proċesswali, l-Qorti hija tal-fehma li filfatt hija is-Sinjura Pisani Grixti li setgħat ma kenitx korretta fix-xiehda tagħha u mhux l-minuri. Dan qed jingħad għaliex il-minuri Omissis dejjem stqarret li l-ewwel kellha "*free lesson*", imbagħad warajha kellha lezzjoni tal-Ispanjol u wara dik kellha "*free lesson*" oħra. Tixhed li fl-ewwel "*free lesson*" ġara l-akkadut u wara attendiet għall-lezzjoni tal-Ispanjol. Tikkontendi illi sabiex tevita li terġa' tmur ġewwa l-klassi tal-arti fil-"*free lesson*" l-oħra li kellha, hija kienet qalet li kienet qed tħossha ma tiflaħx u marret lejn id-dar. Dan jikkombaċja perfettament mat-"*timetable,*"kif ukoll mar-rassenja tal-għalliema ppreżentati in atti. Filfatt jirriżulta li dakinhar tad-9 ta' Marzu 2018, il-minuri l-ewwel kellha lezzjoni tal-edukazzjoni fizika ma' Mr. Borg Clyde, imbagħad mid-9:20am sal-10:00am kellha lezzjoni tal-Malti ma' Ms. Polidano u wara kellha lezzjoni tal-Ispanjol ma' Ms. Magro. Jirriżulta pero' li Ms. Polidano dakinhar daħlet għax-xogħol fil-10:41am u għaldaqstant ma setgħet qatt kienet preżenti għat-tieni lezzjoni biex b'hekk dak affermat mill-minuri illi kellha "*free lesson*" qabel il-lezzjoni tal-Ispanjol, għandu mis-sewwa kuntrarjament għal dak li ssostni s-Surmast tal-iskola.

**Ikkunsidrat:**

Illi, ukoll, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta fid-deċiżjoni tagħha għamlet assunzjoni illi għalkemm f'dik l-għodwa l-istudenti kellhom jattendu għal

quddiesa tar-Randan, liema quddiesa kellha tkun iċċelebrat matul il-ħin tar-raba' lezzjoni, hija ma attendietx għaliha billi kienet ta' nazzjonalita' barranija. Illi dan il-punt ma għandux wisq relevanza billi kien x'kien it-twemmin li tħaddan il-vittma, ġie ddeterminat mix-xhieda ta' l-istess vittma li wara li attendiet għall-lezzjoni tal-Ispanjol, infurmat lis-Surmast li kienet qed tħossha ma tiflaħx u marret lejn id-dar, sabiex b'hekk fil-ħin li kienet qed tkun iċċelebrata l-quddiesa li saret dakinhar tad-9 ta' Marzu 2018, il-vittma kienet jew ġja id-dar jew kienet qed tistenna lil ommha sabiex tiġi għalija. Kwindi anke dan l-aggravju ma jistħoqqlux akkoljiment.

Illi finalment l-appellant jattakka l-kredibbilita' tal-minuri Omissis, meta jisħaq li l-Ewwel Qorti ma setatx tiġġudika l-verżjoni tal-fatti tal-allegata vittma bħala waħda attendibbli u dan għaliex ġaladarba l-imsemmija minuri ma xehditx quddiemha, iżda quddiem l-Inkwirenti, kienet prekluża milli tapplika r-regoli mfassla fl-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi, huwa fatt li l-minuri ma xehditx quddiem l-Ewwel Qorti izda xehdet biss bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fil-kors ta' l-inkjesta dwar l-*in genere*. Huwa minnu ukoll li l-Artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali jistipola r-regola ġenerali li x-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti *viva voce*, madanakollu l-artikolu 550(1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi "***l-proċess verbal magħmul regolarment, jista 'jingħata bħala prova fis-smigħ tal-kawża u x-xhieda, il-periti jew <u>persuni oħra li jkunu dehru fl-aċċess jew xehdu matul l-inkjesta Maġisterjali</u> ma jistgħux jinġiebu biex jagħtu xiehda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja matul il-kumpilazzjoni."*** Sabiex b'hekk ma kienx hemm il-ħtieġa illi l-minuri tinġieb biex tixhed mill-ġdid fil-qorti diment li l-persuna akkużata ma tkunx tixtieq tagħmel il-kontro-eżami u dan b'rispett lejn il-jedd għall-kontradittorju, kif *del resto* hemm maħsub ukoll fl-artikolu 646(2) tal-Kodiċi Kriminali. Tant hu hekk illi bl-emendi introdotti għal din id-disposizzjoni tal-liġi permezz ta'l-Att numru XIII tas-sena 2018 hemm dispost illi ... ***meta x-xhud ikun minuri taħt is-sittax -il sena u tinġieb bi prova reġistrazzjoni bl-awdjo u bil-video tax-xhieda tal-minuri, il-minuri m'għandux jinġieb biex jiġi ezaminat viva voce"***. Dan sabiex jiġi evitat fejn hu possibbli illi vittmi

minorenni ta' reati sesswali jkunu esposti għal ħsara psikoloġika ulterjuri meta jkunu assoġġettati jirrakkontaw għal iktar minn darba l-abbuż li jkunu sofrew.

*In oltre*, is-sub'-artikolu (5) tal-istess Artikolu appena ċitat jistipola li – "**Il-proċess verbal għandu jitqies li jkun magħmul regolarment jekk ikun fih fil-qosor ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, lista tax-xhieda mismugħa u l-provi miġbura, u paragrafu finali li jkun fih il-konklużjonijiet tal-maġistrat inkwirenti**", bl-appellant tul il-proċeduri fl-ebda mument ma jikkontesta l-validita' tal-istess, u lanqas talab sabiex isir il-kontro-eżami tal-istess minuri. Kwindi tqis illi dan l-ilment tal-appellant huwa bla bażi legali ġaldarba ix-xiehda tal-minuri meħuda regolarment fl-*in genere* hija ammissibbli bħala prova, bl-appellant kellu kull dritt iressaq ix-xhud għal kontro-eżami, ħaġa li baqa' qatt ma talab.

Illi, sorvolat dan il-punt, minn eżami akkurat tax-xhieda tal-vittma u ta' ommha Omissis, huwa minnu li l-minuri fetħet qalbha biss ma' ommha, u ukoll jista' jkun hemm dubbju dwar iż-żmien meta il-minuri għamlet dan. Madankollu x-xiehda tagħha quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, kif ingħad, hija prova meħuda regolarment u ammissibbli bħala prova. Dwar l-allegat abbuż, din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti qabilha għandha biss ir-rakkont tal-imsemmija minuri, liema rakkont mhuwiex kontradett minn ebda prova li hemm fl-atti. L-uniku argument li jressaq l-appellant sabiex jipprova jiskossa l-attendibbilita' ta' din l-evidenza huwa l-fatt illi jikkontendi illi fil-ħin meta l-minuri allegat li huwa abbuża minnha, huwa ma kienx l-iskola, iżda post ieħor, iżarma wirja tal-arti li ma kellha xejn x'taqsam mal-impjieg tiegħu fl-iskola. Din l-allegazzjoni iżda tibqa' mera supposizzjoni mhux sostnuta minn ebda prova oħra billi ma kien hemm ebda xhud okulari li rah ġewwa il-Ministeru f'dik l-għodwa li jista' jikkorrobora din l-allegazzjoni, oltre għal fatt illi mir-reġistru tal-attendenza tal-iskola jidher illi huwa kien l-iskola matul dik l-għodwa u ma talab ebda permess biex jillarga minn fuq il-post tax-xogħol.

Fir-rakkont tagħha tal-fatti il-minuri tgħid illi l-appellant kien jitrattaha b'mod differenti minn sħabha u qatt ma ġiet minnu mċanfra jew mogħtija xi kastig. Kien saħansitra talbha jekk kellhiex profil fuq is-sit soċjali tal-*Facebook* sabiex ikun jista' jikkuntattjaha. Imbagħad tisħaq li meta marret sabiex tkompli l-proġett tal-arti li kienu

qed jagħmlu tal-klassi tagħha għall-okkazzjoni tal-miġja tal-President tar-Repubblika ġewwa l-iskola, waqt il-*free lesson* li kellha, u dan fuq suġġeriment tal-appellant stess, l-appellant kien sakkar il-bieb tal-klassi meta ma jidhirx illi kien ebda raġuni li seta' iwassal lil dan l-għalliem jieħu dan il-pass iktar u iktar, meta kien qiegħed waħdu ma' studenta. Il-minuri tirrakonta eżattament l-abbuż li hija sofriet minn taħt idejn l-appellant meta dan mar ħdejha u poġġa idejh fuq ġenbejha u fuq il-warrani tagħha u għamel hekk ċirka tlett darbiet. Hi xehdet li meta għamlilha hekk, bezgħet tiċċaqlaq. Illi *di piu* tirrakonta illi f'ħin minnhom huwa mar eżatt warajha meta kienet qed tpinġi – "**his whole body touching me**", u fl-aħħarnett qabel telqet huwa stedinha biex terġa' tmur fil-*free lesson* li kellha aktar tard u għannaqha xi tlett darbiet. Jidher illi l-minuri beżgħet u ħassitha skomda b'din l-imġieba tant illi sabiex tevita li terġa' tkun weħidha mal-appellant, qalet lis-Surmast li kienet qed tħossha ma tiflaħx sabiex titlaq mill-iskola kmieni u tmur lejn id-dar.  Magħdud dan kollu, anke a bazi tal-provi prodotti, dina l-Qorti ma tara li tezisti l-ebda raġuni 'il għala għandha tiddubita mill-veraċita' tax-xhieda tal-minuri.

Illi fid-dawl ta' dan il-kwadru probatorju għalhekk l-Ewwel Qorti setgħet issib ħtija għar-reati addebitati lill-appellant. Illi, dwar l-elementi ta' l-ewwel reat addebitat lilu, u ċioe' il-korruzzjoni ta' Omissis, minuri ta' tnax -il sena, l-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha, għamlet esposizzjoni erudita tal-ġurisprudenza li titkellem dwar l-istess, u għalhekk a skans ta' repetizzjoni inutli, din il-Qorti qed tagħmel l-istess tagħha. Illi fid-dawl ta' dan l-insenjament kif ukoll fidd-dawl tal-provi prodotti, l-Qorti tinsab moralment konvinta li tirriżulta l-ħtija tal-appellant fir-rigward u għaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet legalment korretta fid-deċizjoni tagħha.

Illi, *una volta* li nstabet ħtija fir-rigward l-ewwel imputazzjoni, dina l-Qorti taqbel ukoll li t-tieni reat addebitat lill-appellant, u ċioe l-attentat vjolenti tal-pudur, huwa alternattiv għall-ewwel imputazzjoni u kwindi l-Ewwel Qorti korrettement astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta'l-istess. Finalment, ġie ppruvat ukoll sal-grad rikjest mill-liġi li l-appellant huwa għalliem fi skola tal-Gvern u huwa mpjegat tal-Ministeru tal-Eduazzjoni bħala għalliem u għaldaqstant huwa meqjus bħala impjegat pubbliku ai

fini kollha tal-Liġi sabiex b'hekk l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issibu ħati anke tat-tielet akkuza dedotta fil-konfront tiegħu.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, dina l-Qorti qegħdha tiċħad l-ewwel erba' aggravji mressqa mill-appellant.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-talba aħħarija tiegħu, l-appellant jitlob ukoll varjazzjoni tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, mingħajr madanakollu ma jressaq aggravju formali f'dan is-sens, sabiex b'hekk il-Qorti hija sajma mill-motiv jew motivi li setgħu wasslu lill-appellant jilmenta illi l-piena ma kenitx waħda ekwa. Ċertament ma huwiex mistenni mill-Qorti illi toqgħod tipprova tindovina x'kellu f'moħħu l-appellant meta ressaq dan l-ilment, iktar u iktar meta l-Ewwel Qorti applikat dik il-piena viġenti fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat billi dawn saru aktar severi bl-introduzzjoni tal-Att XIII tal-2018, liema piena hija fil-parametri eżistenti f'dak iż-żmien.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija, ċioe` din il-Qorti, kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[3] .

Illi huwa indubitat illi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti kienet waħda fil-parametri prospettati mill-Liġi fiż-żmien temporali indikat fiċ-ċitazzjoni u tirrispekja il-gravita' tal-akkużi li dwarhom l-appellant instab ħati. Il-Qorti tqies ukoll illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ lanqas ma tista' tikkontempla piena alternattiva għal dik tal-priġunerija effettiva u dan tenut kont illi l-appellant, għalliem fi skola, ħass li kellu xi dritt jabbuża minn tifla minuri ta' tnax-il sena li tagħha huwa kellu r-responsabbilta' li jeduka u mhux jabbuża minnha. Inoltre l-appellant ma iressaq ebda prova li tista' b'xi mod tikkonvinċi lil Qorti illi huwa għandu jibbenfika minn sentenza alternattiva għal

[3] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiża nhar il-25 ta' Awissu 2005.

priġunerija effettiva u ċioe' li jistgħu iwassluha tapplika il-provvedimenti tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali jew ta'l-Att dwar il-Probation. Magħdud dan kollu dina l-Qorti tqis illi ma hemm ebda motiv li jista' iwassalha titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**